

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2009

li ttipprovdi l-għajnuna makro-finanzjarja lill-Armenja

(2009/890/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Unjoni Ewropea (UE) qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fl-14 ta' Novembru 2006 l-UE u l-Armenja ftehm fuq Pjan ta' Ħidma fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat u identifikaw il-prijoritajiet fir-relazzjonijiet UE-Armenja fuq medda medja ta' żmien u politiki relatati li huma mistennija li jwasslu għal integrazzjoni ekonomika aktar fil-fond. Il-qafas tar-relazzjonijiet UE-Armenja huwa mtejjeb mis-Sħubija l-ġdida tal-Lvant.
- (2) Mill-aħħar sitt xhur tal-2008, l-ekonomija Armena intlaqtet mill-kriżi finanzjarja internazzjonali, u dan qed jirriżulta fi tnaqqis fil-produzzjoni, fid-dħul fiskali u żiediet fil-ħtiġijiet għall-finanzjament estern.
- (3) L-aġġustament u l-irkupru ekonomiku Armen huma sostnuti bl-għajnuna finanzjarja tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF). F'Marzu 2009, l-awtoritajiet Armeni ftehm mal-IMF dwar Arranġament ta' Riżerva ta' 540 miljun dollaru Amerikan biex isostni l-ekonomija Armena sabiex din tikseb l-aġġustament meħtieġ għall-kriżi ekonomika.
- (4) Wara deterjorazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika u l-bżonn ta' reviżjoni tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi sottostanti tal-programm kif ukoll tal-bżonnijiet ogħla ta' finanzjament estern, intlaħaq ftehim bejn is-Serbja u l-IMF biex issir żieda ta' riżorsi tal-IMF ta' 250 miljun dollaru Amerikan, li ġie approvat fit-22 ta' Ġunju 2009 mill-Bord tal-IMF.
- (5) Fl-2009 u l-2010 il-Komunità bi ħsiebha ttipprovdi għotji għas-sostenn tal-baġit għal total ta' EUR 32 miljun mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI).
- (6) L-Armenja talbet l-għajnuna Komunitarja makro-finanzjarja addizzjonali minħabba d-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u li jidher li se jkompli fil-futur.
- (7) Minħabba li għad hemm diskrepanza finanzjarja residwa fil-bilanċ tal-pagamenti fl-2010, l-għajnuna makro-finanzjarja hija meqjusa li hi reazzjoni f'waqtha għat-talba tal-Armenja għas-sostenn tal-istabbilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm preżenti tal-IMF, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' dan iż-żmien. L-għajnuna finanzjarja kurrenti hija mistennija wkoll li se tgħin biex ittaffi l-ħtiġijiet għall-finanzjament tal-baġit.
- (8) Biex ikun żgurat il-ħarsien effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Komunità marbuta ma' din l-għajnuna finanzjarja, jeħtieġ li jkun hemm provvediment għal miżuri xierqa mill-Armenja marbutin mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u irregolaritajiet oħra marbuta ma' din l-għajnuna, kif ukoll għal kontrolli mill-Kummissjoni u verifiki mill-Qorti tal-Awdituri.
- (9) Il-ħruġ tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja huwa minghajnir preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.
- (10) Din l-għajnuna għandha tiġi ġestita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.
- (11) Għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni t-Trattat ma jipprovdix għal poteri barra dawk fl-Artikolu 308,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Komunità se tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Armenja għajnuna makro-finanzjarja taħt forma ta' self u għotja bil-għan li s-sostni l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Armenja u ttaffilha l-bilanċ tal-pagamenti u l-ħtiġijiet finanzjarji li ġew identifikati mill-programm preżenti tal-IMF.

2. Il-komponent tas-self ta' din l-għajnuna għandu jammonta għal massimu prinċipali ta' EUR 65 miljun b'maturità massima ta' 15-il sena. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha l-jedd li tissellef ir-riżorsi meħtieġa f'isem il-Komunità.

3. Il-komponent ta' għotja ta' din l-għajnuna għandu jammonta għal massimu ta' EUR 35 miljun.

4. Ir-rilaxx tal-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u b'mod konsistenti mal-ftehim milħuq bejn l-IMF u l-Armenja.

5. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha tkun disponibbli għal sentejn li jibdew mill-ewwel ġurnata wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Ftehim imsemmi fl-Artikolu 2(1). Madankollu, jekk ikun meħtieġ skont iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tista' tiddeċiedi illi testendi l-perjodu ta' disponibbiltà b'massimu ta' sena.

Artikolu 2

1. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiftiehem mal-Awtoritajiet Armeni, il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji mehmuzja mal-għajnuna makro-finanzjarja Komunitarja, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim, Arranġament ta' Għotja u Ftehim ta' Self. Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew arranġamenti ta' bejn l-IMF u l-Armenja. Il-kundizzjonijiet finanzjarji dettaljati tal-għajnuna għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Għotja u ta' Self li se jintlaħqu bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Armeni.

2. Tul l-implimentazzjoni tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja, il-Kummissjoni se tissorvelja l-validità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Armenja, tal-proċeduri amministrattivi u tal-mekkaniżmi interni u esterni ta' sorveljanza li huma rilevanti għal din l-għajnuna finanzjarja Komunitarja.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'perjodi regolari li l-politiki ekonomiċi Armeni huma konformi mal-miri tal-għajnuna Komunitarja u li l-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika jkunu qed jiġu sodisfatti b'mod sodisfaċenti. B'dan il-mod, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-IMF, u mal-Bank Dinji, u fejn meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Artikolu 3

1. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Armenja f'żewġ pagamenti ta' self, soġġetti għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2. Id-daqs tal-istrumenti tas-self jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti soġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika miftiehma fil-Memorandum ta' Ftehim u b'mof konformi mat-termini yal-għajnuna miftiehma fil-Ftehimiet ta' Għotja u ta' Self. Il-ħlas tat-tieni pagament ma għandux isir qabel tliet xhur mir-rilaxx tal-ewwel pagament.

3. Il-fondi Komunitarji għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Armenja. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġi miftiehma fil-Memorandum ta' Ftehim, inkluż konferma tal-bżonnijiet ta' finanzjament baġitarju li fadal, il-kontrovalur tagħhom f'valuta lokali jista' jiġi ttrasferit lit-Teżor tal-Armenja bħala l-benefiċjarju aħħari.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet ta' self u tislif għandhom isiru feuro bl-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu l-Komunità fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, fi kwalunkwe riskju fil-kambju jew fir-rata tal-imgħax, jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa, jekk l-Armenja tkun tixtieq, biex tiżgura li l-klawżola tal-ħlas lura bikri tkun inkuża fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li tkun tista' tiġi eżerċitata.

3. Fuq talba tal-Armenja, u fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja s-self kollu inizjali jew parti minnu jew tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-attivitajiet ta' rifinanzjar jew ristrutturar għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont tal-kapital li jkun hemm pendent fid-data li jsir ir-rifinanzjar jew ir-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha imġarrba mill-Komunità li huma relatati mal-operazzjonijiet ta' self u tislif taħt din id-Deċiżjoni għandhom jiġu mġarrba mill-Armenja.

5. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jinżamm infurmat bl-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 5

L-ghajjnuna finanzjarja Komunitarja għandha tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ u r-regoli tal-implimentazzjoni ⁽²⁾ tiegħu. Partikolarment, il-Memorandum ta' Ftehim u l-Arranġamenti ta' Għotja u Self mal-awtoritajiet tal-Armenja għandhom jipprevedu miżuri xierqa mill-Armenja marbuta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u irregolaritajiet oħra li jinfluenzaw l-ghajjnuna. Għandhom ukoll jipprevedu il-kontrolli mill-Kummissjoni inkluż mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), bid-dritt li jsiru spezzjonijiet fuq il-post, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, li fejn hemm bżonn jitwettqu fuq il-post.

Artikolu 6

Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluża

evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena preċedenti. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti f' Memorandum ta' Ftehim skont l-Artikolu 2(1), il-prestazzjoni ekonomika u fiskali kontinwa tal-Armenja, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex toħroġ il-pagament tal-ghajjnuna.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009

Għall-Kunsill

Il-President

B. ASK

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).